MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 135/1997/1

**Carmelo Anastasi**

**vs**

**Philip Grima**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

1. Illi waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu, numru L-9131, f'Pinto Wharf Marsa huwa safa involut f'inicdent awtomobilistiku mal-vettura numru Z-1324 li kienet misjuqa mill-konvenut li halliet brake marks twal ta' l9.6 metri qabel ma habat fil-vettura ta' l-attur u dan stante li baqa' hiereg minn wara kantuniera ghal fuq it-triq ta' l-attur minghajr ma waqaf biex jesplora t-triq li minnha kien

ghaddej l-attur, liema incident gara tort unikament tal-konvenut u b'rizultat ta' dan il-vettura ta' l-attur sofriet danni kbar ammontanti ghal circa Lm1000 u l-istess attur sofra debilita permanenti fuq persuntu ta' 5%, skond ma iccertifika Mr Frederick Zammit Maempel MD u kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza;

2. Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;

3. Illi meta l-konvenut gie mitlub jikkompensa lill-attur huwa baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex (1) tiddikjara illi din il-kollizjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, traskuragni, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza taghhom; (2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi u (3) tikkudnanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali mil-lum u bl-ispejjez komprizi dawk ta' konsult ammontanti ghal Lm10 u ta' l-ittra legali u ittra ufficjali kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut u kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghaliex

kien l-attur li kien unikament responsabbli ghal incident tat-traffiku li gara fl-10 ta' Awissu 1996;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-20 ta' Mejju 1999 li bih gie nominat bhala espert mediku t-Tabib Mr. Charles Grixti;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert midiku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-27 ta' April 2000;

Semghet lill-partijiet u x-xhieda prodotti mill-attur;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut;

Ikkonsidrat :-

Jirrizulta li fl-10 ta' Awissu 1996 f'Pinto Wharf Marsa sehh incident stradali bejn l-attur li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Subaru Van numru ta' registrazzjoni L-9131 u l-konvenut li kien qed isuq il-vettura Honda numru ta' registrazzjoni Z-1324;

Fic-citazzjoni l-attur jallega li f'dan l-incident il-vettura misjuqa mill-konvenut, qabel ma habtet mal-vettura tal-attur, halliet brake marks ta' 9.6 metri. L-attur jallega ukoll li l-konvenut baqa' hiereg minn wara kantuniera ghal fuq it-triq fejn kien qed isuq l-attur minghajr ma waqaf biex jesplora l-istess triq. Ghalhekk l-attur qed isostni li dan l-incident gara unikament tort tal-konvenut, li ghalhekk ukoll ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-istess incident u ghad-danni konsekwenzjali sofferti mill-attur kemm fil-

vettura tieghu kif ukoll ghar-rigward tad-debilita' permanenti li allegatament l-istess attur sofra fuq il-persuna tieghu stess. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u li jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-attur. Fl-ahhar nett l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li kien l-attur li kien unikament responsabbli ghal incident tat-traffiku in kwestjoni. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut jispecifika li fil-hin ta' l-incident huwa kien qed isuq fuq is-side tieghu f'triq principali mentri l-attur hareg minn Spencer Street ghal gol-triq principali meta kien fuq in-naha l-hazina tat-triq u minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji;

L-attur jghid li kien qed isuq f'Pinto Wharf fid-direzzjoni ta' Flagstone Wharf, ghaddej b'velocita' normali. Meta huwa gie biex jibda l-liwja li hemm bejn Pinto Wharf u Flagstone Wharf ra l-karozza misjuqa mill-konvenut gejja b’velocita’ eccessiva ghal fuqu mid-direzzjoni opposta. Skond l-attur il-konvenut ukoll kien gej fil-liwja u baqa' diehel fuqu. L-attur qal li kull ma seta jaghmel kien li jipprova jieqaf u dana peress li l-konvenut kien gej b’velocita’ kbira. L-attur ikkonferma li l-vettura tieghu waqfet mad-daqqa;

Da parti tieghu l-konvenut jghid li kien gej min-naha ta' Coal Wharf sejjer fid-direzzjoni tal-Belt. Kif wasal fil-vicinanzi tal-bini tas-Sea Malta ra l-karozza misjuqa mill-attur f'nofs it-triq u ghalhekk kienet ta’ ostakolu fit-triq fejn huwa kien ghaddej. Huwa kkalkola li l-attur kien angolat qisu ghoxrin grad ghar-rigward tal-parti ta’ quddiem tal-karozza tieghu. Il-konvenut ittanta jigbed lejn il-lemin tieghu, cioe’ ghan-naha l-hazina tat-triq, pero’ l-attur baqa gej u b’hekk saret il-habta. Il-konvenut specifika li malli beda jdur il-liwja sab lill-attur qed jaqsam it-triq. Bid-daqqa l-vettura misjuqa mill-attur giet spostata lateralment;

Wara esami akkurat tad-deposizzjonijiet tal-partijiet u mir-rizultanzi l-ohra kollha, b’mod partikolari minn dak li jirrizulta mill-iskizz u mill-pjanta esibita, kif ukoll mill-hsarat li sofrew il-vetturi, jirrizulta sufficjentement li din il-habta giet kawzata minhabba l-velocita’ eccessiva li biha kien ghaddej il-konvenut u minhabba li l-konvenut baqa' hiereg minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji. Il-brake marks li halliet il-vettura tal-konvenut, li kienu kontinwi u qawwijin, jindikaw li l-konvenut kien ghaddej b’velocita’ eccessiva u dan kemm ghar-rigward tal-konfigurazzjoni partikolari tat-toroq fejn sehh l-incident, kif ukoll ghar-rigward tac-cirkostanzi partikolari prevalenti dak il-hin. Jindikaw li l-konvenut induna bil-vettura misjuqa mill-attur malli beda l-liwja u beda l-istess liwja minnghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha xieraq u necessarji. Del resto il-konvenut stess ma eskludix li seta kien ghaddej b’velocita’ aktar milli jmissu;

Fid-dawl ta’ dan kollu l-konvenut ghandu jigi ritenut uniku responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni u dana ukoll billi ma tirrizulta l-ebda htija da parti tal-attur;

Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni jirrizulta li l-attur nefaq is-somma ta’ seba mija u tletin liri maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm730.35) biex irranga l-hsarat fil-karozza tieghu, oltre li nefaq tlett liri u hamsa u erbghin centezmi (Lm3.45) ghall-iskizz tal-Pulizija. L-attur hallas ukoll is-somma ta’ Lm20 lit-tabib li huwa kkonsulta. B’kollox ghalhekk nefaq is-somma ta’ seba mija u tlieta u hamsin liri maltin u tmenin centezmu (Lm753.80);

Jirrizulta mir-rapport tal-espert mediku li l-attur sofra debilita’ permanenti kalkolata f’sitta fil-mija (6%). Jirrizulta ukoll li fiz-zmien tal-incident l-attur kellu hamsin (50) sena u ghalhekk kien fadal hdax (11) il-sena sakhemm jirtira. Huwa kien jahdem bhala shipping clerk ma' socjeta privata u kellu salarju nett annwali ghas-sena 1996 li kien jammonta ghal circa hamest elef u sitt mitt liri maltin

(Lm5600). Tenut kont taz-zidied li seta ha l-attur sakhemm irtira u tenut kont ta' fatturi ohra bhal l-inflazzjoni hu ragionevoli li s-somma li a bazi taghha jrid isir il-kalkolu ghar-rigward tad-danni rigwardanti d-disabilita' permanenti ghandha tkun ta' Lm6500. Ghalhekk f'dan ir-rigward id-danni likwidati jammontaw ghas-somma ta' erbat elef mitejn u disghin liri maltin (Lm4290). (6500 x 11 x 6%);

In vista tal-premess id-danni kollha (damnum emergens u lucrum cessans) sofferti mill-attur ghandhom jigu likwidati fis-somma komplessiva ta hamest elef u tlieta u erbghin liri maltin u tmenin centezmu (Lm5043.80). (Lm4290 + Lm753.80);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u bili fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-kollizjoni in kwestjoni grat tort unikament tal-konvenut; tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur in konsegwenza tal-istess kollizzjoni fis-somma komplessiva ta' hamest elef u tlieta u erbghin liri maltin u tmenin centezmu (Lm5043.80) u tikkudnanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-istess somma ta' Lm5043.80 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data al-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------